

Rapport Speċjali

**L-appoġġ finanzjarju
tal-UE qed jindirizza
l-ħtiġijiet ta'
mikroimprendituri b'mod
adegwat?**



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

E-mail: eca-info@eca.europa.eu
Internet: <http://eca.europa.eu>

Twitter: @EUAuditorsECA
YouTube: EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2015

Print	ISBN 978-92-872-2577-1	ISSN 1831-0907	doi:10.2865/8027	QJ-AB-15-008-MT-C
PDF	ISBN 978-92-872-2557-3	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/545567	QJ-AB-15-008-MT-N
EPUB	ISBN 978-92-872-2579-5	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/738233	QJ-AB-15-008-MT-E

© L-Unjoni Ewropea, 2015
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali.

Printed in Luxembourg

Rapport Speċjali**L-appoġġ finanzjarju
tal-UE qed jindirizza
l-ħtiġijiet ta'
mikroimprendituri b'mod
adegwat?**

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jagħtu r-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha, ta' oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex ikollhom impatt massimu billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni ġie prodott mill-Awla II tal-Awditjar - immexxija mill-Membru tal-QEA Henri Grethen - li tispeċjalizza fl-oqsma ta' nfiq ta' politiki strutturali, trasport u enerġija. L-awditu tmexxa mill-Membru tal-QEA Iliana Ivanova; b'appoġġ minn Tony Murphy, kap tal-kabinett; Mihail Stefanov, attaché tal-kabinett; Emmanuel Rauch, kap tal-unità; Dennis Wernerus, kap tat-tim; Romuald Kayibanda, kap tat-tim; Piotr Senator, awditur u Christian Wieser, awditur.



Mix-xellug għal-lemin: C. Wieser, R. Kayibanda, E. Rauch, I. Ivanova, T. Murphy, D. Wernerus, P. Senator, M. Stefanov.

Paragrafu

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

I – VI **Sommarju eżekuttiv**

1 – 16 **Introduzzjoni**

17 – 18 **Ambitu u approċċ tal-awditjar**

19 – 63 **Osservazzjonijiet**

19 – 37 **Il-programmazzjoni u t-tfassil tal-appoġġ mill-UE lil mikroimpreduturi**

21 – 30 **Nuqqas ta' valutazzjonijiet speċifiċi tal-ħtiġijiet u ta' sistemi xierqa ta' mmaniġġjar tar-riskju għall-appoġġ mill-FSE lil mikroimpreduturi**

31 – 33 **L-arranġamenti strutturali taħt l-EPMF huma ġeneralment sodisfaċenti**

34 – 36 **Il-biċċa l-kbira mill-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE ma attirawx finanzjament privat**

37 **L-istrumenti finanzjarji taħt l-EPMF attiraw xi finanzjament privat**

38 – 54 **Sistemi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar tal-prestazzjoni**

41 – 44 **Informazzjoni limitata dwar ir-rati ta' outreach u ta' sopravivenza għall-PO tal-FSE**

45 – 47 **Informazzjoni aktar kompleta dwar ir-rati ta' outreach u ta' sopravivenza għall-proġetti tal-EPMF**

48 – 54 **Il-mikroimpreduturi ntlaħqu, u madwar nofshom qabel kienu qiegħda**

55 – 63 **Informazzjoni dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-appoġġ tal-UE lil mikroimpreduturi**

56 – 58 **Informazzjoni inkompleta dwar l-ispiża amministrattiva ta' implimentazzjoni tal-PO tal-FSE**

59 – 63 **Varjazzjonijiet fl-ispejjeż iddebitati għal strumenti finanzjarji taħt l-FSE**

64 – 72 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

Ir-risposti tal-Kummissjoni

BEI: Bank Ewropew tal-Investment, jew Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment meta ssir referenza għall-BEI u l-FEI flimkien

CGAP: Grupp Konsultattiv għall-Assistenza għall-Foqra

EaSI: Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali

EPMF: Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress

FEI: Fond Ewropew tal-Investment

FEŻR: Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

FSE: Fond Soċjali Ewropew

ING: Introjtu Nazzjonali Gross

PO: Programm Operazzjonali

SME: Intrapriża żgħira u medja

UE: Unjoni Ewropea

Awtorità maniġerjali: Awtorità pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali (jew kwalunkwe korp pubbliku jew privat ieħor) li nħatret mill-Istat Membru biex timmaniġġja Programm Operazzjonali. Din tinkludi b'mod partikolari l-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati, il-monitoraġġ ta' kif dawn il-proġetti jiġu implimentati u r-rappurtar lill-Kummissjoni kemm dwar l-aspetti finanzjarji kif ukoll dwar ir-riżultati miksuba.

EaSI: Il-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) huwa strument ta' finanzjament fil-livell tal-UE biex jippromwovi livell għoli ta' kwalità u impjiegi sostenibbli, jiggarantixxi protezzjoni soċjali adegwata u deċenti, jiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar u jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

L-EaSI huwa mmaniġġjat direttament mill-Kummissjoni Ewropea. Huwa jlaqqa' flimkien l-EPMF u żewġ programmi oħra tal-UE li kienu mmaniġġjati separatament bejn l-2007 u l-2013.

Effett rotanti: L-effett ta' fondi allokat i għal strument finanzjarju li qed jerġgħu jintużaw mill-inqas darba (permezz tal-użu minn selfiet jew minn garanziji).

Effett ta' ingranaġġ: Fir-rigward ta' strumenti finanzjarji ffinanzjati mill-baġit tal-UE u minn fondi pubbliċi nazzjonali, l-ingranaġġ jiġi espress f'termini ta' kemm-il euro ta' finanzjament (pubbliku u privat) kien effettivament disponibbli biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lir-riċevituri finali għal kull euro ta' finanzjament pubbliku (fondi tal-UE u fondi pubbliċi nazzjonali) allokat għall-istrument.

Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF): Il-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF) tiġi implimentata f'isem il-Kummissjoni mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) għal garanziji għall-mikrokreditu u għal selfiet lil banek u lil intermedjarji finanzjarji oħra.

Għal dawn tal-aħħar, il-BEI huwa koinvestitur fl-EPMF.

Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR): Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għandu l-għan li jirrinforza l-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jirrimedja l-iżbilanċi reġjonali prinċipali permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-ħolqien ta' infrastruttura u ta' investment għall-ħolqien ta' xogħol produttiv, prinċipalment għan-negozji.

Fond Ewropew tal-Investment: Il-FEI huwa fornitur speċjalist ta' finanzjament ta' riskju għall-benefiċċju ta' intrapriżi żgħira u medji (SME) madwar l-Ewropa. Huwa jiffirma parti mill-Grupp tal-BEI u l-azzjonisti tiegħu huma l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), il-Kummissjoni Ewropea u firxa wiesgħa ta' istituzzjonijiet bankarji u finanzjarji pubbliċi u privati.

Fond Soċjali Ewropew (FSE): Il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu l-għan li jsaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea billi jtejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u ta' xogħol (prinċipalment permezz ta' miżuri ta' taħriġ), jinkoraġġixxi livell għoli ta' impjieg u l-ħolqien ta' aktar xogħol ta' kwalità aħjar.

Grupp Konsultattiv għall-Assistenza għall-Foqra (CGAP): Il-Grupp Konsultattiv għall-Assistenza għall-Foqra (CGAP) huwa ċentru ta' politika u riċerka appoġġat minn madwar 30 aġenzija tal-iżvilupp u fondazzjonijiet privati ddedikati għall-avanz ta' aċċess finanzjarju għall-foqra tad-dinja. Huwa għandu l-kwartieri ġenerali fil-Bank Dinji.

Intrapriża żgħira u medja: Intrapriżi żgħira u medji (SMEs) huma intrapriżi li jimpjegaw inqas minn 250 persuna u li għandhom fatturat annwali li ma jaqbiżx il-EUR 50 miljun, u/jew total tal-karta annwali tal-bilanċ li ma jaqbiżx it-EUR 43 miljun. Fi ħdan il-kategorija tal-SMEs, intrapriża żgħira hija definita bħala intrapriża li timpjega inqas minn 50 persuna u li l-fatturat annwali u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbiżx l-EUR 10 miljun.

Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Tajba għall-Provvista ta' Mikrokreditu: Sett ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet "ta' Prattika Tajba" għal fornituri ta' mikrokreditu maħruġ mill-Kummissjoni f'Diċembru 2011.

Mikrofinanzjament: F'dan ir-rapport, mikrofinanzjament huwa definit bħala selfiet lil mikroimpreduturi u garanziji lil banek u intermedjarji finanzjarji oħra li jipprovdu selfiet bħal dawn.

Mikroimpredutur: F'dan ir-rapport, mikroimpreduturi għandha tfigher persuni li jaħdmu għal rashom kif ukoll mikrointrapriżi (jiġifieri rreġistrati bħala entità ġuridika).

Mikrointrapriża: Kif speċifikat fir-Rakkomandazzjoni 2003/361 tal-Kummissjoni, mikrointrapriża hija intrapriża li timpjega inqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali u/jew it-total annwali tal-karta tal-bilanċ tagħha ma jaqbżux EUR 2 miljun.

Mikrokreditu: Il-Kummissjoni tiddefinixxi l-mikrokreditu bħala selfiet ta' mhux aktar minn EUR 25 000 lil mikroimpreduturi (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Microcredit for European small businesses" (Mikrokreditu għal negozji żgħar Ewropej), SEC(2004) 1156).

Outreach: Outreach hija l-grad sa fejn il-proġetti jilhqnu l-grupp fil-mira intenzjonat (eż. mikroimpreduturi).

Politika ta' ħruġ: Politika ta' ħruġ tfigher politika/strateġija għal-likwidazzjoni ta' ishma minn strument finanzjarju skont pjan biex jinkiseb redditu massimu.

Portafoll f'riskju: Il-valur tas-selfiet pendenti kollha li għandhom pagament parzjali wieħed jew aktar tas-somma kapitali ewlenija li ilhom dovuti għal aktar minn ċertu għadd ta' jiem (normalment 30 jum).

Programm Operazzjonali (PO): Programm Operazzjonali jistipula l-prijoritajiet u l-oġettivi speċifiċi ta' Stat Membru u kif il-finanzjament (kofinanzjament mill-UE u kofinanzjament pubbliku u privat nazzjonali) ikun se jintuża matul perjodu partikolari (ġeneralment seba' snin) biex jiffinanzja proġetti. Dawn il-proġetti jridu jikkontribwixxu għall-ksib ta' ċertu għadd ta' oġettivi speċifikati fil-livell tal-assi prijoritarju tal-PO. Il-PO jeżistu għal kull wieħed mill-fondi fil-qasam tal-Koeżjoni (jiġifieri l-FEŻR u l-FSE). PO jitħejja mill-Istat Membru u jrid jiġi approvat mill-Kummissjoni qabel ma jkun jista' jsir kwalunkwe pagament mill-baġit tal-UE. Il-PO jistgħu jiġu modifikati biss matul il-perjodu kopert jekk iż-żewġ partijiet jaqblu.

Rata ta' sopravivenza: Ir-rata ta' sopravivenza hija indikatur għas-suċċess tal-appoġġ finanzjarju lil mikroimpreduturi. Din tiġi kkalkulata bid-diviżjoni tal-għadd ta' entitajiet li jkun għad għadhom għaddejnin bin-negozju fi tmiem perjodu partikolari (il-"perjodu retrospettiv"), bl-għadd totali ta' entitajiet appoġġati.

Stralċ: Stralċ huwa proċess li jinvolvi l-bejgħ tal-assi kollha ta' fond, il-ħlas lill-kredituri, id-distribuzzjoni ta' kwalunkwe assi li jkun jifdal lis-somom kapitali ewlenija, u mbagħad ix-xoljiment tal-fond. Essenzjalment, stralċ għandha tfigher il-likwidazzjoni tal-fond li jimplementa strument finanzjarju.

Strument finanzjarju kbir iżżejjed: Strument finanzjarju jiġi kkwalifikat bħala kbir iżżejjed meta l-allokkazzjoni totali tiegħu jaqbeż b'mod sinifikanti l-finanzjament meħtieġ biex jiġu koperti l-ħtiġijiet reali tal-popolazzjoni fil-mira (jiġifieri mikroimpreduturi fil-kuntest ta' dan l-awditu).

Strumenti finanzjarji: Strumenti finanzjarji huma terminu ġeneriku għal kuntratti li jipprovdu lid-detentur tagħhom bi klejm fuq obbligant. L-UE tippovdi appoġġ għal tliet tipi possibbli ta' strumenti finanzjarji: strumenti ta' ekwità, ta' self u ta' garanzija. Strumenti ta' ekwità jew ta' self huma kuntratti bejn investitur u destinatariju ta' investiment jew bejn mutwanti u mutwatarju. Garanziji huma kuntratti fejn garanti jiggarrantixxi d-drittijiet ta' investitur jew ta' mutwanti.

I

Il-mikroimpreduturi qed jesperjenzaw problemi biex jaċċessaw is-suq tal-kreditu konvenzjonali, li jostakola l-ħolqien ta' mikrointrapriżi ġodda u ta' impjegi indipendenti. L-appoġġ mill-UE għandu l-għan li jindirizza xi ftit jew wisq id-diskrepanza eżistenti fil-finanzjament billi jipprovdni għotjiet lil mikrointrapriżi (taħt l-FSE) jew billi jagħmel l-aċċess għal selfiet aktar faċli bis-saħħa ta' strumenti finanzjarji għal fornituri ta' mikrokreditu, jiġifieri selfiet u garanziji.

II

L-appoġġ mill-UE huwa pprovdut prinċipalment permezz ta' żewġ strumenti differenti: il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF). L-FSE jinkludi miżuri implimentati prinċipalment permezz ta' għotjiet kif ukoll permezz ta' strumenti finanzjarji (self jew garanzija) li huma inklużi fil-Programmi operazzjonali mħejjija mill-Istati Membri u approvati mill-Kummissjoni. Min-naħa l-oħra l-EPMF tiġi implimentata f'isem il-Kummissjoni mill-Fond Ewropew tal-Investment.

III

Il-Qorti vvalutat jekk il-programmazzjoni u t-tfassil tal-appoġġ mill-UE kienx qed jindirizza l-ħtiġijiet reali tal-mikroimpreduturi u jekk kienx hemm stabbiliti sistemi robusti ta' rappurtar tal-prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti eżaminat jekk hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-mekkaniżmi differenti ta' finanzjament mill-UE li jappoġġaw lil mikroimpreduturi.

IV

Il-Qorti tikkonkludi li għall-appoġġ finanzjarju mill-FSE lil mikroimpreduturi hemm dgħufijiet fil-programmazzjoni u fit-tfassil tal-appoġġ u nuqqas ta' informazzjoni ta' monitoraġġ suffiċjenti u affidabbli dwar il-prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma għandhomx informazzjoni suffiċjenti disponibbli dwar l-ispiża amministrattiva għal kull Stat Membru u għal kull mekkaniżmu ta' finanzjament (jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji, bħal selfiet jew garanziji).

V

B'mod kumplessiv il-Qorti tqis li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq l-effettività tal-appoġġ finanzjarju tal-UE biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-mikroimpreduturi.

VI

Sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati f'dan ir-rapport, il-Qorti tirrakkomanda li:

- (a) Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet b'mod konsistenti meta jkunu qed ifasslu strumenti ta' finanzjament u jħejju programmi operazzjonali li jinkludu appoġġ finanzjarju tal-UE għal mikroimpreduturi. Dan ikun jgħin ukoll fl-allokazzjoni tal-livell xieraq ta' finanzjament lill-mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi, jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji (selfiet jew garanziji). Il-Kummissjoni għandha tipprovdni gwida f'dan ir-rigward.
- (b) Il-Kummissjoni tagħmel l-użu ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE mill-Istati Membri kundizzjonali mhux biss fuq il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji iżda wkoll fuq l-eżistenza ta' sistema robusta ta' mmaniġġjar tar-riskju robusta biex jiġi evitat li l-fondi jkunu kbar iżżejjed.
- (c) Sabiex l-outreach jittejjeb, il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandha tfassal miżuri ta' appoġġ finanzjarju mill-FSE għal mikroimpreduturi u tiddefinixxi kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom l-għan li jilħqu l-persuni qiegħda u dawk vulnerabili li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali.
- (d) Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni twettaq analiżi kumparattiva tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni ta' għotjiet tal-FSE, ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE u ta' strumenti finanzjarji taħt l-EaSI bil-ħsieb li tistabbilixxi l-livelli reali tagħhom. Din il-valutazzjoni għandha tippermetti l-identifikazzjoni ta' "prattiki tajba" dwar kif għotjiet, selfiet u garanziji ta' ammonti żgħar jistgħu jitqassmu bi spiża raġonevoli.

01

Il-mikroimprendituri spiss għandhom nuqqas ta' aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali. Tabilħaqq, id-domanda totali għal mikrofinanzjament fl-Istati Membri tal-UE, stmata li kienet aktar minn EUR 12-il biljun fl-2012¹, taqbeż il-forniment ta' selfiet ipprovduti minn banek u minn istituzzjonijiet finanzjarji oħra. L-appoġġ finanzjarju tal-UE għal mikroimprendituri għandu l-għan li jindirizza xi ftit jew wisq din id-diskrepnza fil-finanzjament li huma jiffaċċjaw.

02

Billi joffri l-possibbiltà ta' tnedija jew żvilupp ta' negozji ġodda, l-appoġġ finanzjarju għal mikroimprendituri huwa intenzjonat ukoll li jindirizza l-esklużjoni u jżid l-impjeg, speċjalment fost persuni li qabel kienu qiegħda. B'hekk l-UE tikkontribwixxi għall-ksib tal-oġġettivi tal-istrateġija UE2020, jiġifieri tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv permezz ta' żieda fl-impjeg, il-produttività u l-koeżjoni soċjali.

03

Id-definizzjoni tal-Kummissjoni ta' mikrofinanzjament hija l-appoġġ finanzjarju sa EUR 25 000 li, taħt l-EPMF, jista' jingħata lil mikroimprendituri. Iż-żieda fl-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà tagħhom hija żgurata permezz ta' strumenti finanzjarji fil-forma ta' selfiet u garanziji. Fil-kuntest ta' dan l-awditu, l-għotjiet ipprovduti għat-tnedija jew l-iżvilupp ta' negozji ġodda li jirrispettaw dan is-soll ta' EUR 25 000 jitqiesu wkoll bħala appoġġ finanzjarju għal mikroimprendituri.

Appoġġ mill-UE lil mikroimprendituri permezz tal-FSE u tal-EPMF

04

L-appoġġ finanzjarju tal-UE lil mikroimprendituri kien prinċipalment ipprovdut permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 u permezz tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF) mill-2010 sal-2013.

05

Strumenti oħra tal-UE jipprovdu mikrofinanzjament lil mikrointrapriżi bħal strumenti finanzjarji għal SMEs taħt il-PO tal-FEŻR (EUR 3 136 miljun fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013²) u l-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs taħt il-Programm għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) mmaniġġjat mill-FEI f'isem il-Kummissjoni (EUR 550 miljun³ fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013). Dawn mhumiex koperti minn dan l-awditu billi jew mhumiex parti mill-baġit tal-UE (selfiet tal-BEI) jew immirati speċifikament lejn il-mikroimprendituri.

06

Eżempji ta' proġetti eżaminati mill-Qorti huma deskritti fil-qosor fil-**Kaxxa 1**.

- 1 Il-Kummissjoni Ewropea, Evalwazzjoni tal-Fażi Pilota tal-Assistenza Teknika JASMINE, ICF GHK f'isem id-DĠ Politika Reġjonali u Urbana, l-14 ta' Novembru 2013, pp. 20-22.
- 2 Sors: Sommarju tad-data dwar il-progress li sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja rrapportat mill-awtoritajiet maniġerjali skont l-Artikolu 67(2)(j) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25), il-Perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, Settembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea, is-Sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2013, p. 26.
- 3 Sors: Ċifri għall-kontribuzzjoni finanzjarja 2007-2013, FEI, Novembru 2011 (http://www.eif.org/news_centre/publications/corporate_brochure/fei_brochure_new/files/assets/seo/page14.html).

Liema tip ta' mikroimpreditori bbenefikaw minn appoġġ mill-UE?

F'belt żgħira fil-Voivodeship ta' Opole (il-Polonja), mikroimpreditriċi rċeviet **għotja** ta' PLN 40 000 (madwar EUR 9 500) minn proġett tal-FSE biex tgħinha tiftaħ żona tal-logħob għat-tfal, fuq ġewwa, kif ukoll ħanut tal-ħwejjeġ.

Fir-Reġjun tal-Bavarja (il-Ġermanja), mikroimpreditur ibbenefika minn mikrokreditu ta' EUR 7 000 biex jiffinanzja istallazzjoni ġdida tal-mużika biex jattira aktar klijenti lejn il-ħanut tax-xorb tiegħu maġenb lag. Is-**selfa** ġiet approvduta minn intermedjarju finanzjarju appoġġat mill-FSE.

Fuq il-Gżira ta' Kreta (il-Greċja), mikroimpreditur uża faċilità ta' kapital operatorju ta' EUR 5 000 biex jespandi l-kjosk tiegħu fil-belt. Dan il-mikrokreditu ġie pprovdut minn bank lokali b'**garanzija** tal-EPMF.

Fond Soċjali Ewropew

07

L-FSE għandu l-għan li jiffaċilita l-impjeg ta' ħaddiema (inkluż l-impjeg indipendenti), kif ukoll li jżid il-mobbiltà ġeografika u fl-impjeg tagħhom, u li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal tibdiliet industrijali u tibdiliet fis-sistemi ta' produzzjoni⁴. Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-Kummissjoni kienet favur li l-FSE kellu jappoġġa miżuri li jtejbju l-inklużjoni finanzjarja u soċjali ta' persuni żvantaġġati u jagħti aċċess għall-impjeg⁵.

08

L-appoġġ għal mikroimpreditori ffinanzjat mill-FSE jinkludi miżuri implimentati permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji u huwa definit f'PO li jitħejjew mill-Istati Membri u jiġu approvati mill-Kummissjoni.

09

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, l-Istati Membri stabbi-lixew 117-il PO tal-FSE, li minnhom 96 kienu iffinanzjaw miżuri kklassifikati taħt il-kodiċi "l-appoġġ għall-impjeg indipendenti u għall-ftuħ ta' negozji (ġodda)"⁶, b'total ta' madwar EUR 2.4 biljun, fil-biċċa l-kbira permezz ta' għotjiet. Madankollu ma hemm ebda informazzjoni disponibbli dwar kemm minn dan il-finanzjament b'għotjiet ġie allokati lil mikroimpreditori. Min-naħa l-oħra, l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE li jipprovdu appoġġ lil mikroimpreditori kellhom allokazzjoni ta' EUR 680 miljun sa tmieni l-2013⁷.

- 4 L-Artikolu 162 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.
- 5 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11); SEC(2010) 1564 final tas-16 ta' Diċembru 2010 "Lista ta' inizjattivi ewlenin".
- 6 Din l-istima hija bbażata fuq analiżi tal-infiq minn 86 kodiċijiet speċifikati mill-Kummissjoni għar-rappurtar tal-Istati Membri skont l-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1828/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1), u b'mod partikolari nfiq taħt il-kodiċi 68 "L-appoġġ għall-impjeg indipendenti u għall-ftuħ ta' negozji".
- 7 Is-EUR 680 miljun ta' appoġġ approvdut permezz ta' mikrokreditu huwa parzjalment iżda mhux esklussivament inkluż fit-EUR 2.4 biljun infiq tal-FSE għall-appoġġ ta' impjeg indipendenti.

Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress

10

L-EPMF għandha l-għan li żżid l-aċċess għall-mikrofinanzjament għal persuni bħal dawk qiegħda, kif ukoll għal persuna vulnerabbli oħra li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċessibbiltà ta' tagħhom għas-suq tal-kreditu konvenzjonali⁸, u għal mikrointrapriżi. Hija implimentata f'isem il-Kummissjoni mill-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), li jaġixxi bħala maniġer tal-fondi għal strumenti ffinanzjati u bħala entità eżekutriċi għal garanziji.

11

Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-istabbiliment tal-EPMF kienet ibbażata fuq evalwazzjoni *ex ante* mwettqa mill-Kummissjoni. Dan id-dokument jikkonkludi li, minbarra l-għodod tal-UE li diġà kienu jeżistu, kien hemm il-ħtieġa li tinħoloq faċilità ta' mikrofinanzjament fi ħdan il-baġit tal-UE⁹.

12

Fil-perjodu 2010-2013, l-EPMF kellha allokazżjoni ta' EUR 203 miljun (EUR 103 miljun mill-baġit tal-UE u EUR 100 miljun mill-BEI): EUR 25 miljun (12 % tat-total) kienu intenzjonati għal garanziji u EUR 178 miljun (88 %) għal finanzjament b'self. L-istrumenti finanzjarji taħt l-EPMF ma jipprovdux assistenza finanzjarja diretta lil mikroimpredturi iżda minflok jipprovdu appoġġ lil intermedjarji permezz ta' selfiet u/jew garanziji.

13

Il-FEI jagħżel banek jew intermedjarji finanzjarji oħra interessati li jipprovdu appoġġ lil mikroimpredturi b'kundizzjonijiet li jqarrbu kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet tas-suq. Dawn l-intermedjarji jagħtu selfiet lil riċevituri finali eliġibbli fuq termini preferenzjali meta mqabbla ma' dawk li jeżistu fis-suq għal mutwatarji b'riskju ta' kreditu simili.

14

Sat-30 ta' Ġunju 2014, 55 bank jew intermedjarji finanzjarji ieħor f'20 Stat Membru kienu ntaġħżlu¹⁰ u aktar minn 23 000 mikroselva li ammontaw għal aktar minn EUR 208 miljun kienu tqassmu lil mikroimpredturi¹¹.

15

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, waħda mit-tliet oqsma tal-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI)¹² se tistitwixxi, progressivament, lill-EPMF.


16

Illustrazzjoni ta' kif l-appoġġ mill-UE lil mikroimpredturi jiġi pprovdut permezz ta' għotjiet tal-FSE, ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE u taħt l-EPMF hija ppreżentata fil-**Figura 1**.

- 8 Id-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2010 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 87, 7.4.2010, p. 1).
- 9 SEC(2009) 907 tat-2 ta' Lulju 2009.
- 10 Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.
- 11 COM(2014) 639 final tal-20 ta' Ottubru 2014 "Implimentazzjoni tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress – 2013".
- 12 Ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE li tistabbilixxi Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress għall-impjiegi u l-inklużjoni soċjali (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 238).

Figura 1

Appoġġ mill-UE lil mikroimpredituri permezz ta' għotjiet tal-FSE, ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE u taħt l-EPMF (skematizzat)



Sors: II-QEA.

17

B'dan l-awditu l-Qorti vvalutat jekk il-ħtiġijiet tal-mikroimpreduturi kinux indirizzati permezz tal-appoġġ finanzjarju mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u mill-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress (EPMF). Il-Qorti eżaminat b'mod partikolari jekk:

- il-programmazzjoni u t-tfassil tal-appoġġ mill-UE kinux qed jindirizzaw il-ħtiġijiet reali tal-mikroimpreduturi;
 - kienx hemm stabbiliti sistemi robusti ta' rappurtar tal-prestazzjoni;
 - kienx hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-mekkaniżmi differenti ta' finanzjament mill-UE li jappoġġaw lil mikroimpreduturi.
- intervisti ma' esperti fil-qasam;
 - l-analiżi ta' fajls tal-klijenti (benefiċjarji tal-għotjiet u mutwatarji) fil-livell ta' banek u intermedjarji finanzjarji oħra;
 - sħarriġ ta' 18-il awtorità maniġerjali addizzjonali f'14-il Stat Membru¹⁵ li huma responsabbli għal 22 PO tal-FSE b'infuq fuq impjegi indipendenti u fuq ftuħ ta' negozji ġodda. Ir-rata ta' rispons għall-istħarriġ kienet ta' 89 %¹⁶ u pprovdiet feedback dwar l-esperjenza tagħhom fir-rigward ta' miżuri ta' appoġġ finanzjarju lil mikroimpreduturi. Il-Qorti analizzat it-tweġibiet ta' 11-il awtorità maniġerjali f'10 Stati Membri li ddikjaraw li l-PO tagħhom kienu jinkludu miżuri għal mikroimpreduturi.

18

Ir-riżultati tal-awditjar huma bbażati fuq:

- l-eżaminar ta' dokumenti fil-livell tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri (għall-FSE) u tal-FEI (għall-EPMF);
- l-eżaminar ta' kampjun ta' 27 proġett¹³ li jipprovdu appoġġ finanzjarju lil mikroimpreduturi: għal 6 PO tal-FSE - 14-il-għotja u 6 strumenti finanzjarji (3 fondi ta' self u 3 fondi ta' garanzija); u 7 strumenti finanzjarji taħt l-EPMF (2 strumenti li jipprovdu selfiet u 5 strumenti li jipprovdu garanziji). Dawn il-proġetti, li jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor EUR 1.6 biljun impenjati (EUR 1.2 biljun imqassma), ġew implimentati f'ħames Stati Membri¹⁴ (il-Ġermanja, il-Greċja, l-Italja, il-Polonja u r-Rumanija), u kienu parzjalment jew kompletament ikkompletati sa tmiem l-2013 (ara t-**Tabella 1**);

- 13 Il-proġetti ġew eżaminati fil-livell tal-awtorità maniġerjali jew tal-korp intermedjarju (fil-każ ta' għotjiet) jew tal-intermedjarju finanzjarju (fil-każ ta' strumenti finanzjarji).
- 14 Il-Ġermanja (ħames proġetti), il-Greċja (sitt proġetti), l-Italja (erba' proġetti), il-Polonja (tmien proġetti) u r-Rumanija (erba' proġetti).
- 15 Il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Spanja, Franza, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u r-Renju Unit.
- 16 Ġew riċevuti tweġibiet minn 16-il awtorità maniġerjali ta' 14-il Stat Membru, fir-rigward ta' 19-il PO.

Tabella 1 Finanzjament pubbliku użat (sa tmiem I-2013), biex jappoġġa l-aċċess għall-finanzi lil mikroimprendituri għal proġetti eżaminati mill-Qorti, f'miljun EUR

Membru Stat	FSE			EPMF		Total
	Għotjiet	Garanziji	Selfiet	Garanziji	Selfiet	
Il-Ġermanja	665.8		100.0			765.8
Il-Ġreċja	368.9			0.8		369.7
L-Italja	9.1	13.9	9.5			32.5
Il-Polonja	21.0		11.6	7.9		40.5
Ir-Rumanija	1.7			6.2	18.9	26.8
Total	1 066.5	13.9	121.1	14.9	18.9	1 235.3

Sors: Analiżi tal-QEA, Diċembru 2013.

Programmazzjoni u tfassil tal-appoġġ mill-UE lil mikroimprendituri

19

It-tfassil ta' strumenti ta' finanzjament għall-ksib ta' objettiv partikolari ta' politika huwa kompitu ta' sfida. Fakturi importanti f'dan il-kuntest qed jiżguraw li n-natura u t-tip ta' appoġġ (għotjiet jew strumenti finanzjarji) kif ukoll l-ammonti disponibbli jkunu qed jindirizzaw il-ħtiġijiet reali ta' benefiċjarji potenziati.

20

Għaldaqstant il-Qorti vvalutat jekk:

- kinux twettqu valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet għall-FSE biex jiġi determinat il-livell u t-tip kumplessivi ta' miżuri ta' appoġġ proposti għal mikroimprendituri u, għal strumenti finanzjarji, jekk kienx hemm stabbiliti strateġiji ta' investiment u proċeduri ta' mmaniġġjar tar-riskju xierqa biex jiġi evitat li l-fondi jkunu kbar iżżejjed jew mhux kbar biżżejjed, u li kienet ġiet definita politika ta' ħruġ u/jew dispożizzjonijiet ta' stralċ;
- kinitix ġiet stabbilita sistema robusta ta' mmaniġġjar tar-riskju robusta għal strumenti finanzjarji ffinanzjati taħt l-EPMF u b'mod partikolari, jekk kinitx twettqet il-valutazzjoni ta' portafoll f'riskju li hija meħtieġa;
- l-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-FSE jew mill-EPMF kienx irnexxielhom jattiraw finanzjament privat addizzjonali permezz tal-kalkolu tal-proporzjon ta' ingranaġġ miksub.

Nuqqas ta' valutazzjonijiet speċifiċi tal-ħtiġijiet u ta' sistemi xierqa ta' mmaniġġjar tar-riskju għall-appoġġ mill-FSE lil mikroimprendituri

Il-ħtiġijiet ta' mikroimprendituri mhumiex indirizzati speċifikament mill-awtoritajiet maniġerjali fl-istadju tat-tfassil tal-programmi operazzjonali tal-FSE analizzati

21

L-awditu tal-Qorti wera li l-awtoritajiet maniġerjali tal-FSE tal-PO eżaminati ma wettqux valutazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' mikroimprendituri qabel ma allokaw il-fondi u qabel ma ddeterminaw l-aktar mod xieraq li bih dawn il-fondi kellhom jintużaw.

22

Meta wiegħbu għall-istħarriġ tal-Qorti, 11-il awtorità maniġerjali f'10 Stati Membri¹⁷ wiegħbu li l-PO tal-FSE inkludew miżuri ta' appoġġ għal mikroimprendituri. Madankollu l-analiżi tal-Qorti wriet li ebda waħda minn dawn il-11-il awtorità maniġerjali ma kienet ivvalutat il-ħtiġijiet speċifiċi ta' mikroimprendituri qabel l-approvazzjoni tal-PO. Dan kien il-każ ukoll għall-PO kollha fil-ħames Stati Membri fejn il-Qorti kienet eżaminat proġetti speċifiċi. Il-Qorti tinnota li ma kienx hemm rekwiżit regolatorju matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 biex l-Istati Membri jwettqu valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet.

17 Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza (Kontinentali, Martinique), il-Latvja, il-Litwanja, il-Portugall (Madeira), is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Finlandja.

23

Il-**Kaxxa 2** tipprovd i eżempju barra mill-kampjun awditjat fejn twettqet valutazzjoni tal-ħtiġijiet robusta biex tiġi stabbilita l-ħtieġa għal miżuri ta' appoġġ immirati għal mikroimpreduturi.

Kaxxa 2

Eżempju ta' studju li jstabbilixxi l-ħtieġa għal miżura ta' appoġġ speċifika mmirata lejn il-mikroimpreduturi

Fir-Reġjun Ġermaniż ta' Brandenburg twettaq studju fl-2006 biex jiġu determinati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ftuħ ta' negozji ġodda¹⁸, u b'mod partikolari dwar l-adeqwatezza tas-servizzi finanzjarji pprovduti minn banek lil mikroimpreduturi.

Dan l-istudju kien ibbażat fuq valutazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva tal-provvista u d-domanda għal mikrofinanzjament f'dan ir-reġjun.

Huwa identifika li (i) għal banek tradizzjonali, it-twassil ta' servizzi finanzjarji għal mikroimpreduturi ma kienx attraenti, speċjalment għal selfiet żgħar ta' mhux aktar minn EUR 10 000, u (ii) inizjattivi eżistenti ta' appoġġ finanzjarju (eż. selfiet issussidjati mill-Istat) ma kinux joffru alternattivi adatti lil mikroimpreduturi.

18 *Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit* (GIZ, preċedentement GTZ GmbH), *Microfinance in Europe – Regional Case Studies from France, Germany and Greece* (Mikrofinanzjament fl-Ewropa – Studji tal-Każijiet Reġjonali minn Franza, il-Ġermanja u l-Greċja), pp. 13-15 (rapport kofinanzjat mill-FSE).

Ebda strateġiji ta' investiment stabbiliti għal tlieta minn sitt strumenti finanzjarji taħt l-FSE eżaminati

24

B'mod ġenerali, l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE jirċievu kontribuzzjoni mill-PO għall-allokazzjoni tagħhom meta tiġi stabbilita l-istruttura legali tagħhom. Huma sussegwentement jużaw dawn il-flus għall-appoġġ ta' proġetti li jaqaw fi ħdan l-ambitu tal-PO (jiġifieri biex jipprovdu selfiet u garanziji lil riċevituri finali). F'konformità mar-rekwiżiti regolatorji għall-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE,

għandha għaldaqstant tiġi żviluppata strateġija ta' investiment għal kull fond. Għall-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE, l-istrateġija ta' investiment¹⁹ tinkludi wkoll analiżi tal-popolazzjoni potenzjali fil-mira biex tiġi evitata allokazzjoni kbira żżejjed jew mhux kbira biżżejjed tal-fond.

19 L-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006.

25

Fi tlieta mis-sitt strumenti finanzjarji taħt l-FSE awditjati, fil-Polonja u fl-Italja (il-Calabria), il-Qorti sabet li ma kienet ġiet żviluppata ebda strateġija ta' investment (ara t-**Tabella 2**).

Tabella 2 Eżistenza ta' strateġija ta' investment, sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju u politiki ta' ħruġ/dispożizzjonijiet ta' stralċ fl-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE awditjati

Strumenti Finanzjarji taħt l-FSE Awditjati (Stat Membru)	Strateġija ta' investment	Sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju (Analiżi tal-PAR)	Politika ta' ħruġ/dispożizzjonijiet ta' stralċ
Strument finanzjarju A (il-Ġermanja)	● iva	● le	● iva
Strument finanzjarju B (l-Italja)	● le	● le	● le
Strument finanzjarju C (l-Italja)	● le	● le	● le
Strument finanzjarju D (l-Italja)	● iva	● le	● le
Strument finanzjarju E (il-Polonja)	● iva	● iva	● iva
Strument finanzjarju F (il-Polonja)	● le	● le	● iva

Sors: Analiżi tal-QEA (2014).

Sistemi inadegwati ta' mmaniġġjar tar-riskju għal ħamsa mis-sitt strumenti finanzjarji taħt l-FSE eżaminati

26

Minbarra analiżi tal-ħtiġijiet minn qabel, il-manigiers tal-fondi għandhom jistabbilixxu wkoll proċeduri xierqa ta' mmaniġġjar tar-riskju. Dan jinkludi b'mod partikolari l-analiżi tal-portafoll f'riskju tal-istrument finanzjarju biex jiġi vvalutat jekk l-allokkazzjoni tal-fondi hijiex adegwata, u b'mod partikolari biex jiġi stabbilit jekk telf potenzjali

mis-selfiet u l-garanziji jistax jiġi kopert. It-twettiq ta' analiżi bħal din jirrispetta l-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba, skont il-gwida tal-Kummissjoni²⁰ lill-Istati Membri għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

20 Nota ta' Gwida dwar Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja taħt l-Artikolu 44 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, COCOF_10-0014-04-EN, il-21 ta' Frar 2011, l-Artikolu 4.1.6.

27

Il-Qorti sabet li analiżi tal-portafoll f'riskju kien twettaq biss għal strumenti finanzjarju wieħed taħt l-FSE mis-sitta eżaminati mill-Qorti (ara t-**Tabella 2**) u fil-każ tal-Italja, il-Qorti tqis li t-tliet strumenti finanzjarji taħt l-FSE awditjati huma sinifikattivament kbar iżżejjed (ara l-**Kaxxa 3**).

28

Skont ir-Regolament, allokkazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji li ma jintużawx għandhom jiġu ritornati lill-baġit tal-UE fl-għeluq²¹.

21 L-Artikolu 43(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006.

Kaxxa 3

Eżempju ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE li huma kbar iżżejjed

Sa tmiem l-2013, it-tqassim lil mikroimpreduturi kien 9.5 % tal-allokkazzjoni totali għall-fond ta' self fil-Campania (stabbilit f'Diċembru 2009), filwaqt li kien 0 % u 26.7 % għaż-żewġ fondi ta' garanzija fil-Calabria (stabbiliti f'Settembru u f'Novembru 2012).

Biex tiġi rispettata r-regola dwar l-eliġibbiltà tal-infiq, l-appoġġ għandu jitħallas sal-31 ta' Diċembru 2015²². Mhuwiex probabbli li l-fondi li jifdal se jaslu għand il-mikroimpreduturi sa tmiem l-2015.

22 Tmiem il-perjodu ta' eliġibbiltà kif definit fir-Regolament 1083/2006 qed jiġi diskuss attwalment.

Dgħufijiet fir-rigward ta' politika ta' ħruġ u dispożizzjonijiet ta' stralċ għal strumenti finanzjarji taħt l-FSE

29

Il-Qorti vvalutat ukoll jekk l-awtoritajiet maniġerjali kinux stabbilixxew politika ta' ħruġ u/jew dispożizzjonijiet ta' stralċ skont ir-regoli applikabbli²³ għal strumenti finanzjarji taħt l-FSE. L-iskop ta' dawn il-politiki u d-dispożizzjonijiet huwa li tiġi żgurata likwidazzjoni tajba u ordnata tal-fond fiż-żmien tal-għeluq.

30

Il-Qorti sabet li ma kien hemm ebda politika ta' ħruġ u/jew dispożizzjoni ta' stralċ għal tlieta mis-sitt strumenti finanzjarji taħt l-FSE eżaminati (tnejn fil-Campania u wieħed fil-Calabria).

23 L-Artikolu 43(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006.

L-arranġamenti strutturali taħt l-EPMF huma ġeneralment sodisfaċenti

31

L-istruttura tal-istrumenti finanzjarji taħt l-EPMF hija differenti minn dawk taħt l-FSE. Intermedjarji finanzjarji taħt l-EPMF (bħal banek) iridu jirrikorru għall-FEI biex jiksibu finanzjament għall-istrumenti finanzjarji tagħhom. Jekk l-intermedjarji finanzjarji ma jiffaċċjaw ebda domanda għal selfiet jew garanziji, dawn sempliċiment ma jirrikorru għall-finanzjament mill-FEI. Għaldaqstant mhux meħtieġ li ssir valutazzjoni reġjonali speċifika tal-ħtiġijiet.

32

Barra minn hekk, f'konformità mar-regoli tal-EPMF, kull intermedjarju finanzjarju huwa suġġett għal proċess ta' diliġenza dovuta mwettaq mill-FEI. Dan ikopri valutazzjoni tas-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju, inklużi l-proċeduri tal-portafoll f'riskju. Il-portafoll u r-rata ta' inadempjenza rispettiva huma sussegwentement immonitorjati mill-intermedjarju finanzjarju u perġodikament irrappurtati lill-FEI. Regoli speċifiċi dwar dawn l-arranġamenti ta' monitoraġġ u rappurtar jiffurmaw parti integrali tal-kuntratt bejn il-FEI u l-intermedjarju finanzjarju.

33

Il-Qorti sabet li l-analiżijiet meħtieġa tal-portafoll f'riskju kienu twettqu għas-seba' strumenti finanzjarji kollha tal-EPMF li ġew eżaminati. Filwaqt li attivitajiet ta' mikrofinanzjament huma intrinsikament ta' riskju għoli, l-analiżi tal-Qorti wriet li l-portafoll f'riskju għal fond ta' self fir-Rumanija kien baxx ħafna meta mqabbel ma' fondi simili. Il-fond li kien operazzjonali minn Marzu 2012 kellu riskju ta' inadempjenza ta' 0.3 % għall-portafoll tiegħu u, sat-30 ta' Settembru 2013, ma kien sar ebda tħassir.

Il-biċċa l-kbira mill-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE ma attirawx finanzjament privat

34

Wieħed mill-vantaġġi tal-użu ta' strumenti finanzjarji minflok għotjiet huwa li dawn potenzjalment jattiraw finanzjament privat minbarra l-finanzjament pubbliku (mill-baġit tal-UE u baġits nazzjonali). Dan huwa magħruf ukoll bħala effett ta' ingranaġġ, li jitkejjel bħala l-proporzjon tal-finanzjament totali għall-finanzjament pubbliku. Proporzjon ta' ingranaġġ ta' aktar minn 1 ifisser li ġie attirat finanzjament privat. Il-Qorti eżaminat jekk l-istrumenti finanzjarji użati taħt l-FSE jew l-EPMF għall-appoġġ ta' mikroimprendituri rnexxilhomx jattiraw finanzjament privat minbarra dak pubbliku.

35

L-analiżi tal-Qorti wriet li wieħed biss mis-sitt strumenti finanzjarji taħt l-FSE awditjati attira finanzjament privat addizzjonali bi proporzjon ta' ingranaġġ ta' 1.2 għal fond ta' garanzija fl-Italja (il-Calabria). Għal erbgħa mis-sitt strumenti, ma kien hemm l-ebda ingranaġġ billi l-proporzjon ta' ingranaġġ kien ta' wieħed jew inqas²⁴. Għall-aħħar wieħed, li kien fond ta' garanzija ieħor fl-Italja (il-Calabria), l-awtorità maniġerjali ma kinitx kapaċi ttipprovdi informazzjoni dwar il-proporzjon ta' ingranaġġ.

24 Proporzjon ta' ingranaġġ taħt 1.0 huwa possibbli meta parti mill-allokazzjoni tkun intużat għal tariffi ta' ġestjoni.

Osservazzjonijiet

36

Fir-rigward ta' objettivi kwantitattivi, il-Qorti tosserva li l-issettjar ta' mira ta' proporzjon ta' ingranaġġ ma kienx rekwiżit regolatorju matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Madankollu hija tinnota li miri ta' proporzjonijiet ta' ingranaġġ 'il fuq minn 1.0 kienu speċifikati fl-istabbiliment tal-fond għaż-żewġ fondi ta' garanzija Taljani biss (għandu jinkiseb 1.25 fl-għeluq tal-fondi fl-2015). Fil-każijiet l-oħra kollha, jew ma kien hemm ebda informazzjoni disponibbli jew il-mira ta' proporzjon ta' ingranaġġ ma kinitx tipprevedi li kien se jiġi attirat finanzjament privat.

L-istrumenti finanzjarji taħt l-EPMF attiraw xi finanzjament privat

37

Il-Qorti sabet li s-seba' strumenti finanzjarji kollha taħt l-EPMF li kienu implimentati fiż-żmien tal-awditjar kienu attiraw finanzjament privat addizzjonali (ara t-**Tabella 3**). Fir-rigward ta' garanziji, il-miri ta' proporzjonijiet ta' ingranaġġ intlaħqu bl-eżatt f'wieħed minn seba' każijiet, u ma ntlaħqux f'żewġ każijiet. Għal tnejn oħra, mhuwiex probabbli li l-miri inizjali se jintlaħqu billi d-differenza bejn il-proporzjon attwali u dak immirat hija sinifikanti wisq biex tingħeleb sad-data mmirata ta' nofs l-2015. Għaż-żewġ każijiet ta' portafoll ta' mikrokreditu, ma kien hemm ebda mira speċifikata. Skont il-Kummissjoni, valutazzjoni finali tal-ksib tal-proporzjon ta' ingranaġġ immirat għall-EPMF kollu se ssir wara l-għeluq tiegħu, mhux qabel l-2020.

Tabella 3 Ingranaġġ tal-istrumenti finanzjarji taħt l-EPMF eżaminati

Entità (Stat Membru)	Deskrizzjoni tal-proġett	Proporzjon ta' ingranaġġ		Data mmirata	Finanzjament privat (miljun EUR)
		Mira	Reali (31.12.2013)		
Entità 1 (il-Greċja)	Garanzija tal-portafoll ta' mikrokreditu	7.47	1.33	18.12.2014	0.3
Entità 2 (ir-Rumanija)	Portafoll ta' mikrokreditu	Mhux speċifikata	1.25 ¹	20.3.2014	2.4
Entità 3 (ir-Rumanija)	Portafoll ta' mikrokreditu	Mhux speċifikata	1.18	16.5.2013	1.7
Entità 4 (ir-Rumanija)	Garanzija tal-portafoll ta' mikrokreditu	8.33	1.38	29.12.2013	2.4
Entità 5 (il-Polonja)	Garanzija tal-portafoll ta' mikrokreditu	9.13	9.13	30.3.2013	55.2
Entità 6 (il-Polonja)	Garanzija tal-portafoll ta' mikrokreditu	6.67	1.33	27.6.2015	0.3
Entità 7 (il-Polonja)	Garanzija tal-portafoll ta' mikrokreditu	7.58	1.33	27.6.2015	0.1

¹ Id-data reali tal-ingranaġġ hija t-30.9.2013.

Sors: Analiżi tal-QEA bbażata fuq data tal-FEI (2013).

Sistemi ta' monitoraġġ u ta' rappurtaġġ tal-prestazzjoni

38

Il-Qorti vvalutat l-ewwel nett ir-rilevanza tas-sistema ta' rappurtaġġ tal-prestazzjoni stabbilita mill-Istati Membri u mill-EPMF u t-tieni nett, għall-proġetti inklużi fil-kampjun, jekk kienx probabbli li dawn ipprovdew appoġġ lill-mikroimprendituri, u b'mod partikolari lil dawk li qabel kienu qiegħda. Il-Qorti tinnotta li l-monitoraġġ tal-FSE sar fil-livell tal-assi prijoritarju u mhux fil-livell tal-proġetti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013²⁵.

39

L-objettiv aħħari tal-appoġġ finanzjarju tal-UE lil mikroimprendituri huwa li jinħolqu jew li jiġu żviluppati ulterjorment negozji u impjegji sostenibbli u li jiġi evitat jew megħlub il-qgħad. Il-Qorti għaldaqstant ivvalutat jekk l-informazzjoni li ġejja ġietx irrapportata mill-FSE jew mill-EPMF, billi indikaturi tal-prestazzjoni bħal dawn huma rakkomandati wkoll fil-Kodiċi tal-Imġiba Tajba tal-Kummissjoni u minn organizzazzjonijiet esperti fil-qasam tal-mikrofinanzjament²⁶:

- informazzjoni dwar il-profil soċjali (eż. edukazzjoni, età, lok jew aderenza għal gruppi speċifikament vulnerabbli bħal persuni qiegħda, diżabbli, minoranzi etniċi jew migranti) tar-riċevituri tal-appoġġ finanzjarju għal mikroimprendituri; u

- informazzjoni dwar ir-rata ta' sopravivenza tal-mikrointrapriżi wara ċertu perjodu lil hinn minn tmiem l-appoġġ (eż. sentejn).

40

Din il-valutazzjoni saret fuq il-bażi tal-eżaminar ta' proġetti fuq il-post, it-tweġibiet għall-istħarriġ tal-Qorti, u analiżi tar-rapporti annwali ta' implementazzjoni ppreżentati mill-awtoritajiet maniġerjali lill-Kummissjoni għas-17-il PO tal-FSE koperti mill-awditu.

Informazzjoni limitata dwar ir-rati ta' outreach u ta' sopravivenza għall-PO tal-FSE

41

L-analiżi tal-Qorti wriet li:

- informazzjoni dwar jekk ir-riċevituri tal-appoġġ finanzjarju għal mikroimprendituri kinux parti minn grupp vulnerabbli ma kinitx disponibbli għal 11 minn 17-il programm operazzjonali tal-FSE (65 %) eżaminati. Għas-sitt programmi l-oħra, l-informazzjoni titqies bħala parzjalment disponibbli billi ġiet ipprovduta biss għall-proġetti mmirati speċifikament lejn persuni qiegħda. Barra minn hekk, għall-PO tal-FSE awditjati, meta kienet disponibbli, l-informazzjoni dwar il-profil tar-riċevituri ma ġietx immonitorjata b'mod sistematiku;
- informazzjoni dwar ir-rati ta' sopravivenza ma kinitx disponibbli għal tlieta (fil-Ġermanja, fil-Bulgarija u fil-Finlandja) mis-17-il PO tal-FSE (18 %). Fin-nuqqas ta' *data* affidabbli u robusta tal-prestazzjoni dwar ir-rata ta' sopravivenza, is-sostenibbiltà tal-proġetti ma tistax tiġi vvalutata għall-14-il PO li jifdal.

25 L-Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006.

26 Il-Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Tajba għall-Provvista ta' Mikrokreditu; CGAP, The Smart Campaign (Center for Financial Inclusion), Universal Standards for Social Performance Management (Social Performance Task Force).

42

Din l-analiżi hija kkorroborata mill-analiżi tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni tal-PO ppreżentati mill-awtoritajiet maniġerjali lill-Kummissjoni li fihom ukoll *data* limitata ħafna jew ebda *data* fir-rigward tal-appoġġ mill-UE lil mikroimprendituri.

43

Minħabba dawn il-limitazzjonijiet fuq id-*data* pprovduta mill-Istati Membri, mhuwiex possibbli li l-Kummissjoni tiġbor flimkien informazzjoni konsistenti, affidabbli u ta' sinifikat għall-monitoraġġ tal-kisbiet tal-appoġġ mill-FSE lil mikroimprendituri, b'mod partikolari f'termini ta' inklużjoni.

44

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li n-nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti u affidabbli dwar il-prestazzjoni jagħmilha impossibbli li tasal għal konklużjoni kumplessiva dwar il-punt sa fejn inkisbu l-oġettivi aħħarin tal-appoġġ finanzjarju mill-FSE lil mikroimprendituri.

Informazzjoni aktar kompleta dwar ir-rati ta' outreach u ta' sopravivenza għall-proġetti tal-EPMF

45

Għas-seba' proġetti tal-EPMF koperti mill-awditu tal-Qorti, l-informazzjoni dwar jekk il-mikroimprendituri ntlew għet għet ipprovduta fil-każijiet kollha. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, ir-rappurtar tal-EPMF ipprovdwa wkoll informazzjoni li tikkonċerna l-profil tar-riċevituri tal-appoġġ finanzjarju għal mikroimprendituri (bħal ġeneru, edukazzjoni, età u reġjun). Madankollu, id-*data* dwar l-istatus okkupazzjonali preċedenti tar-riċevituri finali kien disponibbli biss f'wieħed minn seba' strumenti finanzjarji taħt l-EPMF eżaminati (fil-Greċja).

46

Fir-rigward tar-rati ta' sopravivenza, tliet proġetti tal-EPMF irrappurtaw rata ta' sopravivenza ta' 100 % u proġett wieħed irrapporta rata medja ta' sopravivenza ta' 70 %. Għat-tliet proġetti l-oħra tal-EPMF, l-istatus tal-implimentazzjoni għadu ma jippermettix li jsir kalkolu bħal dan.

47

B'mod kumplessiv il-Qorti sabet li r-rappurtar kien konformi mar-rekwiżiti tad-Deċiżjoni tal-EPMF għas-seba' proġetti eżaminati kollha²⁷, u pprovdwa informazzjoni aħjar minn dik li kienet disponibbli għall-istrumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża.

27 L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni Nru 283/2010/UE.

50

Il-Qorti tosserva li l-limitu massimu ta' EUR 25 000 applikabbli f'kull wieħed mit-28 Stat Membru ma jhux inkunsiderazzjoni d-differenzi konsiderevoli fil-introjtu u fil-ġid ta' bejniethom. Għaldaqstant il-Qorti vverifikat jekk l-appoġġ kienx taħt soll ipponderat skont l-ING li jieħu kont tal-punt sa fejn tintlaħaq il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar intużax ("Riskju ta' faqar" skont is-CGAP²⁹). L-analiżi addizzjonali wriet li s-27 proġett kollha eżaminati kienu taħt il-limitu massimu tas-CGAP.

51

Dan jindika li l-miżuri individwali ta' appoġġ finanzjarju kienu ta' daqs li jista' jitqies bħala proporzjonat mal-ħtiġijiet ta' mikroimpreditur.

Mhux il-proġetti kollha fil-kampjun kienu mmirati lejn il-persuni qiegħda

52

Il-Qorti analizzat ukoll il-profilu tar-riċevituri ta' għotjiet (fil-livell tal-awtoritajiet manijerjali) jew il-profilu ta' klijenti li kisbu appoġġ finanzjarju permezz ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE u l-EPMF (fil-livell tal-manijers tal-fondi) biex tivvaluta sa liema punt kienu tqiegħdu fil-mira mikroimpredituri li qabel kienu qiegħda.

53

Minn 20 proġett tal-FSE (55 %) eżaminati, 11 kienu mmirati lejn mikroimpredituri li qabel kienu qiegħda. Dan jinkludi disa' proġetti (45 %) li kienu mmirati esklussivament lejn persuni qiegħda (ħamsa fil-Greċja, tnejn fil-Polonja, wieħed fil-Italja (il-Campagna) u wieħed fil-Ġermanja).

54

Fir-rigward tal-EPMF, ir-riċevituri finali li qabel kienu qiegħda kienu speċifikament fil-mira f'wieħed mis-seba' proġetti eżaminati. Madankollu, skont il-Kummissjoni, id-*data* aggregata kumplessiva tal-EPMF fi tmiem Settembru 2014 turi li 58 % tal-persuni li jaħdmu għal rashom li ġew ifffinanzjati taħt l-EPMF, qabel kienu qiegħda, u aktar minn 60 % tal-mikrointrapriżi appoġġati mill-EPMF kienu negozji ġodda, li jimplika outreach għoli ta' mikroimpredituri li qabel kienu qiegħda.

29 Is-soll tas-CGAP jikkonsisti fil-ING *per capita* espress f'dollari tal-Istati Uniti mmultiplikati bi 2.5.

Informazzjoni dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-appoġġ tal-UE lil mikroimprendituri

55

Fir-rigward tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-appoġġ tal-UE għal mikroimprendituri, hemm żewġ elementi li għandhom jitqiesu: l-ispiża amministrattiva pubblika u l-ispejjeż iddebitati għall-istrumenti finanzjarji. Għalhekk, il-Qorti vvalutat jekk hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri dwar dawn l-ispejjeż.

Informazzjoni inkompleta dwar l-ispiża amministrattiva ta' implimentazzjoni tal-PO tal-FSE

56

Il-Kummissjoni stmat fl-2011 li l-ispiża amministrattiva ta' implimentazzjoni tal-PO tammonta għal 3.2 % tal-finanzjament totali mill-FEŻR/FK u mill-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Din tinkludi l-ispiża ta' kontroll stmata f'livell ta' 0.9 % li hija relatata mal-verifikazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-attivitajiet tal-awditjar imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali. Din l-istima hija bbażata fuq ċifri rrapportati minn xi Stati Membri³⁰ għas-snin bikrin tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, kemm għall-PO tal-FEŻR/FK kif ukoll għal dawk tal-FSE.

57

B'żieda ma' dan³¹, id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni stima fir-Rapport Annwali tal-Attività 2013 tiegħu, li l-ispejjeż fil-livell tal-Istati Membri kienu madwar 4.8 % tal-baġit tal-FSE għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 (dawn ikopru awtoritajiet maniġerjali, awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni u awtoritajiet tal-awditjar). Dan huwa bbażat fuq l-ispejjeż medji tal-Istati Membri li kienu jvarjaw bejn 2 % u 13 %. Barra minn hekk, l-ispejjeż amministrattivi kumplessivi annwali tal-Kummissjoni mġarrba kienu jammontaw għal bejn wieħed u ieħor 0.2 % tal-approprijazzjonijiet totali. L-ispiża amministrattiva kumplessiva totali stmata għall-ġestjoni u l-kontroll tal-FSE hija madwar 5 % tal-baġit annwali totali. Il-komponenti prinċipali tal-ispejjeż amministrattivi huma deskritti fil-**Kaxxa 4**.

58

Biex tikkonkludi, il-Qorti tinnota li l-Kummissjoni ma għandha disponibbli ebda informazzjoni komparattiva dwar l-ispejjeż amministrattivi għal kull Stat Membru jew għal kull mekkaniżmu ta' finanzjament (jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji, bħal selfiet jew garanziji). Barra minn hekk iċ-ċifri disponibbli ġew aġġornati biss għall-istrumenti finanzjarji. Għall-PO tal-FSE eżaminati mill-Qorti f'ħames Stati Membri, ebda informazzjoni dwar l-ispiża reali tal-amministrazzjoni ma kienet disponibbli fil-livell tal-awtoritajiet maniġerjali differenti.

30 Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Italja, Malta, il-Polonja, il-Finlandja u r-Renju Unit.

31 Id-DG Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, *Rapport Annwali tal-Attività 2013*, p. 61 (http://ec.europa.eu/atwork/synthesis/aar/doc/empl_aar_2013.pdf).

Komponenti prinċipali tal-ispejjeż amministrattivi pubbliċi għall-PO tal-FSE

Għall-Istati Membri, l-ispejjeż amministrattivi jinkludu spejjeż relatati mal-ġestjoni, il-kontroll, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi operazzjonali mill-awtoritajiet nazzjonali. Spejjeż bħal dawn jistgħu jkunu remunerazzjoni tal-persunal, spejjeż operazzjonali, spejjeż tal-ivvjaġġar u tat-taħriġ. Biex jiġi żgurat li l-pajjiż jib-benefika b'mod effettiv mill-appoġġ ipprovdut, l-ispejjeż amministrattivi jistgħu jkopru wkoll spejjeż relatati ma' attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni dwar possibbiltajiet ta' finanzjament minn PO tal-FSE jew spejjeż biex tiġi rinforzata l-kapaċità amministrattiva tal-benefiċjarji (eż. permezz ta' taħriġ).

Fil-każ tal-istrumenti finanzjarji, parti mill-attività amministrattiva titwettaq mill-manigier tal-fond (eż. l-għażla tar-riċevituri finali) li tirriżulta fi spejjeż amministrattivi aktar baxxi fil-livell tal-Istati Membri. Għal dawn l-attivitajiet, l-ispejjeż tal-ġestjoni jiġu ddebitati direttament mill-manigiers tal-fondi lill-PO.

Fil-livell tal-Kummissjoni, l-ispejjeż amministrattivi huma marbuta ma' spejjeż għall-abbozzar tal-qafas regolatorju tal-FSE, il-ġestjoni finanzjarja, il-kontroll, l-awditjar, il-koordinazzjoni teknika mal-Istati Membri kif ukoll l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u ta' informazzjoni.

Dawn l-ispejjeż amministrattivi ma jinkludux l-ispejjeż imġarrba mir-riċevituri tal-appoġġ finanzjarju tal-UE.

Varjazzjonijiet fl-ispejjeż iddebitati għal strumenti finanzjarji taħt l-FSE

59

Spejjeż għoljin iwasslu biex eventwalment ikun hemm inqas finanzjament disponibbli għall-mikroimprendituri u jistgħu jqiegħdu f'riskju s-sostenibbiltà tal-fond, speċjalment fil-każ ta' fondi ta' mikrofinanzjament żgħar. L-aktar spejjeż komuni ddebitati għal strumenti finanzjarji huma l-ispejjeż tal-ġestjoni li jistgħu jinkludu sub-komponenti differenti (eż. spejjeż tal-persunal, spejjeż tar-riklamar u tal-kummerċjalizzazzjoni, spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-konsulenza).

60

L-analiżi tal-Qorti turi li l-ispejjeż tal-ġestjoni għal ħamsa mis-sitt strumenti finanzjarji taħt l-FSE eżaminati kienu jvarjaw bejn 2.3 % u 4.2 %³². Fl-aħħar nett, fond ta' garanzija wiehied fl-Italja (il-Calabria) ma setax jipprovidi informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-ġestjoni tiegħu meta ntalab jagħmel dan mill-Qorti.

32 Skont l-Artikolu 43 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006, l-ispejjeż tal-ġestjoni għal strumenti finanzjarji taħt l-FSE huma limitati għal massimu ta' 4 % tal-allokazzjoni totali tal-fond fuq medja ta' kull sena, sakemm il-manigier tal-fond ma jkunx intaġġiel abbażi ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, li kien il-każ għal fond wiehied fil-Ġermanja.

61

Il-Qorti tinnota li, fil-kampjun tagħha, għal żewġ strumenti finanzjarji taħt l-FSE fl-Italja (il-Calabria), spiża addizzjonali fuq l-ispiża tal-ġestjoni ġiet iddebitata għall-PO, jiġifieri l-pagament tal-imgħax tas-selfiet garantiti (ara l-**Kaxxa 5**). B'riżultat ta' dan, l-ispiża ta' implimentazzjoni għal wieħed miż-żewġ strumenti finanzjarji żdiedet għal 7.8 %, li jirrappreżenta bejn wieħed u ieħor EUR 4 miljun kull sena.

62

L-istruttura tal-ispejjeż li qed jiġu ddebitati għall-baġit tal-UE fil-każ ta' strumenti finanzjarji tal-FSE kienet tvarja skont is-subkomponenti differenti. Filwaqt li l-Qorti tirrikonoxxi li jista' jkun hemm raġunijiet validi għal differenzi bħal dawn, il-Kummissjoni ma għandhiex stampa ġenerali kompluta tal-bażi għall-kalkolu tal-ispejjeż ta' ġestjoni u ta' implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE u ta' jekk dawn humiex ġustifikati.

63

Min-naħa l-oħra, għall-EPMF (selfiet u strumenti ta' garanzija kkombinati), il-Kummissjoni tistma li l-ispiża annwali medja pagabbli mill-baġit tal-UE hija massimu ta' minn 0.5 % sa 0.7 % tal-allokkazzjoni.

Spejjeż għoljin imposti minn strument finanzjarju fil-Calabria

Fil-Calabria, l-ispejjeż tal-ġestjoni imposti minn fond ta' garanzija għall-mikrokreditu ġew irrappurtati lill-Kummissjoni bħala 2.23 % tal-allokkazzjoni totali, li jfisser li dawn kienu formalment taħt il-limitu massimu regolatorju ta' 4 %.

Madankollu, l-awtoritajiet maniġerjali qablu mal-banek lokali dwar struttura tal-ispejjeż tal-ġestjoni fejn l-FSE jħallas l-imgħax tal-mikrokreditu f'isem il-mutwatarji. Meta l-pagamenti tal-imgħax ta' 5.6 % tas-selfiet garantiti jiżdiedu mal-ispejjeż tal-ġestjoni, l-ispejjeż totali ddebitati għall-PO huma aktar minn 7.8 %. Barra minn hekk, fl-istess żmien, l-istess banek privati li rċewew il-pagamenti tal-imgħax kienu qegħdin ukoll jaqilgħu wkoll imgħax fuq il-fondi ddepożitati tal-FSE li kienu qed iservu bħala garanziji.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

64

Il-Qorti tikkonkludi li għall-appoġġ finanzjarju mill-FSE lil mikroimprendituri hemm dgħufijiet fil-programmazzjoni u fit-tfassil tal-appoġġ u nuqqas ta' informazzjoni suffiċjenti u affidabbli dwar il-prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma għandhom ebda informazzjoni komparattiva disponibbli dwar l-ispiża amministrattiva għal kull Stat Membru u għal kull mekkaniżmu ta' finanzjament (jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji, bħal selfiet jew garanziji).

65

B'mod kumplessiv il-Qorti tqis li dawn il-kwistjonijiet jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq l-effettività tal-appoġġ finanzjarju tal-UE biex jindirizza l-ħtiġijiet tal-mikroimprendituri.

Dgħufijiet fil-programmazzjoni u t-tfassil tal-appoġġ finanzjarju mill-FSE lil mikroimprendituri

66

Ġeneralment l-Istati Membri ma vvalutawx b'mod adegwat il-ħtiġijiet speċifiċi tal-mikroimprendituri meta kienu qed ifasslu l-PO tal-FSE. Ma kien hemm ebda obbligu regolatorju biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' mikroimprendituri f'livell Ewropew matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Matul il-perjodu kopert mill-awditu, l-għotjiet kienu, bil-bosta, il-mekkaniżmi prinċipali ta' appoġġ mill-FSE li ntuża għal mikroimprendituri.

67

L-appoġġ finanzjarju tal-UE lil mikroimprendituri mill-FSE ġeneralment ġie pprovdut mingħajr valutazzjoni sostanzjata tal-ħtiġijiet. Għal xi wħud mill-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE eżaminati, in-nuqqas ta' strateġiji ta' investiment, flimkien ma' sistemi inadegwati ta' mmaniġġjar tar-riskju, wasslu għal allokkazzjonijiet kbar iżżejjed lill-fondi. Il-Qorti sabet ukoll li nofs l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE eżaminati ma kellhomx politiki ta' ħruġ u dispożizzjonijiet ta' stralċ, minkejja li dawn huma meħtieġa mir-Regolamenti rilevanti.

68

L-istrument finanzjarju tal-Kummissjoni, l-EPMF, huwa meqjus li għandu arranġamenti strutturali ġeneralment sodisfaċenti fir-rigward tas-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju. L-EPMF irnexxielu jattira xi finanzjament privat addizzjonali li ma kienx il-każ għall-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE. Madankollu, l-ammonti allokatati mill-baġit tal-UE għall-EPMF sa issa (meta mqabbla mal-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE) kienu limitati.

Rakkomandazzjoni 1

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjonijiet tal-ħtiġijiet b'mod konsistenti meta jkunu qed ifasslu strumenti ta' finanzjament u jħejju programmi operazzjonali li jinkludu appoġġ finanzjarju tal-UE għal mikroimprendituri. Dan kieku jgħin ukoll fl-allokkazzjoni tal-livell xieraq ta' finanzjament lill-mekkaniżmi ta' finanzjament alternattivi, jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji (selfiet jew garanziji). Il-Kummissjoni għandha tipprovi għidha f'dan ir-rigward.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-użu ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE mill-Istati Membri kundizzjonali mhux biss fuq il-konformità mar-rekwiżiti regolatorji iżda wkoll fuq l-eżistenza ta' sistema robusta ta' mmaniġġjar tar-riskju biex jiġi evitat li l-fondi jkunu kbar iżżejjed.

Nuqqas ta' informazzjoni ta' monitoraġġ suffiċjenti u affidabbli dwar il-prestazzjoni

69

Is-sistemi ta' rappurtar tal-prestazzjoni tal-EPMF ipprovdew informazzjoni aktar kompleta minn dawk tal-FSE li tqiesu bħala inadegwati. Abbażi tad-*data* pprovduta mill-Istati Membri, mhuwiex possibbli li l-Kummissjoni tiġbor flimkien informazzjoni konsistenti, affidabbli u ta' sinifikat (eż. rati ta' sopravivenza ta' mikroimpreditturi u outreach) biex timmonitorja l-kisbiet tal-appoġġ ta' mikrofinanzjament mill-FSE lil mikroimpreditturi. Il-Qorti tqis li din is-sitwazzjoni tagħmilha impossibbli li tintlaħaq konklużjoni kumplessiva dwar l-effettività tal-appoġġ mill-FSE pprovdut lil mikroimpreditturi.

70

Ibbażat fuq il-kampjun eżaminat, l-għotjiet mill-FSE, l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE u l-EPMF ipprovdew appoġġ finanzjarju lil mikroimpreditturi. L-outreach lejn il-mikroimpreditturi li qabel kienu qiegħda inkisbet f'madwar nofs il-proġetti.

Rakkomandazzjoni 3

Sabiex l-outreach jittejjeb fil-futur, il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri għandha tfassal miżuri ta' appoġġ finanzjarju mill-FSE għal mikroimpreditturi u tiddefinixxi kriterji ta' eliġibbiltà li għandhom l-għan li jilħqu l-persuni qiegħda u dawk vulnerabbli li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward tal-aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali.

Informazzjoni insuffiċjenti dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni ta' għotjiet tal-FSE u ta' strumenti finanzjarji

71

Għall-PO tal-FSE eżaminati, l-awtoritajiet maniġerjali ma kellhom ebda informazzjoni dwar l-ispiża reali tal-amministrazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma għandhom disponibbli ebda informazzjoni komparattiva dwar l-ispiża amministrattiva pubblika għal kull Stat Membru jew għal kull mekkaniżmu ta' finanzjament (jiġifieri għotjiet jew strumenti finanzjarji, bħal selfiet jew garanziji). Din is-sitwazzjoni ma tippermettilhomx li jqisu l-mod l-aktar kosteffiċjenti biex iwasslu l-appoġġ tal-UE lil mikroimpreditturi.

72

Għall-istrumenti finanzjarji eżaminati, il-Qorti osservat strutturi differenti tal-ispejjeż u varjazzjonijiet fir-rata perċentwali tal-ispejjeż tal-ġestjoni ddebitati għall-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni ma għandhiex stampa ġenerali komprensiva tal-bażi għall-kalkolu tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji taħt l-FSE u għaldaqstant mhijiex f'pożizzjoni li tivvaluta jekk id-differenzi fl-ispejjeż bejn l-istrumenti humiex ġustifikati.

Rakkomandazzjoni 4

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi kumparattiva tal-ispejjeż ta' implimentazzjoni ta' għotjiet tal-FSE, ta' strumenti finanzjarji taħt l-FSE u ta' strumenti finanzjarji taħt l-EaSI bil-ħsieb li tistabbilixxi l-livelli reali tagħhom. Din il-valutazzjoni għandha tippermetti l-identifikazzjoni ta' "prattiki tajba" dwar kif għotjiet, selfiet u garanziji ta' ammonti żgħar jistgħu jitqassmu bi spiża raġonevoli.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla II, immexxija mis-Sur Henri GRETHEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-10 ta' Ġunju 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri



Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
President

Sommarju eżekuttiv

VI (a)

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-qafas regolatorju se jiżgura li kull istrument finanzjarju huwa "bbażat fuq valutazzjoni *ex ante*" li jkun identifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investment, u ħtiġijiet ta' investment. Il-ħtiġijiet ta' valutazzjoni *ex ante* huma previsti wkoll għat-tkomplija tal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

Fl-approvazzjoni tal-programmi operattivi, il-Kummissjoni żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet strateġiċi, l-identifikazzjoni / twettiq tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* u l-evalwazzjoni tar-raġunijiet għall-appoġġ propost.

Il-Kummissjoni tieħu l-impenn ukoll li tagħti pariri dwar il-valutazzjoni *ex ante* u tipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji.

Diġà pprovdi gwida u metodoloġija Prattika dwar it-tnejn tal-valutazzjoni *ex ante* obbligatorja għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

VI (b)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni li hija diġà indirizzata fil-qafas regolatorju FSE l-ġdid li jeħtieġ valutazzjonijiet *ex ante* għal strumenti finanzjarji.

VI (c)

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-qafas regolatorju l-ġdid se jippermetti l-identifikazzjoni tal-gruppi ta' mira l-aktar rilevanti ta' strument ta' mikrofinanza għal kull suq ikkunsidrat. Dan għandu jinkiseb permezz ta' valutazzjonijiet *ex ante*.

VI (d)

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Minn naħa waħda, il-Kummissjoni tikkonsidra li l-analiżi teħtieġ l-iżolament tal-ispejjeż ta' ġestjoni għal għotja jew strument finanzjarju mill-awtorità ta' ġestjoni. Barra minn hekk, il-paragun ta' kostijiet u tariffi bejn l-għotjiet tal-FSE u strumenti finanzjarji u bejn l-FSE u l-istrumenti finanzjarji tal-EPMF ikun diffiċli (pereż. l-kostijiet għall-istrumenti finanzjarji tal-FSE jinkludu t-tariffi bankarji iżda mhux l-ispejjeż għall-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Korpi Intermedji); b'żieda ma' dan l-istruttura tal-kost tal-istrumenti finanzjarji tal-EPMF hija differenti minn dik tal-FSE billi l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni ma jintervjenux.

Min-naħa l-oħra, l-analiżi tista' ma tilħaqx l-iskop li tattira Prattiki tajba għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid billi l-qafas regolatorju l-ġdid jipprovdi regoli ġodda dwar kostijiet u tariffi ta' ġestjoni li huma bbażati fuq il-prestazzjoni u li jinkludu livelli limiti (ara r-Regolament ta' Delega 480/2014).

Introduzzjoni

09

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, ir-rapportar mill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni lill-Kummissjoni fil-livell ta' proġett dwar il-grupp ta' mira ta' mikrointraprendituri ma kienx obbligatorju.

Osservazzjonijiet

Tweġiba komuni għall-§21 u §22

Għall-istrumenti finanzjarji f'ġestjoni konġunta, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni 1303/2013 (CPR) fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 jintroduċi valutazzjoni *ex ante* obbligatorja li għandha tkopri fost oħrajn ir-raġunijiet għall-forma ta' appoġġ propost.

Tweġiba komuni għall-§24 u §25

Taħt ġestjoni kondiviża u f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw li l-operazzjonijiet individwali huma implimentati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-istrateġija ta' investiment ma kienetx żviluppata għall-istruttura ta' tlieta minn sitt strumenti finanzjarji.

Il-kwistjoni li rriżultat mill-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2103 kienet probabbilment minħabba n-nuqqas ta' ċertezza dwar ir-Regolament Ġeneral 1828/2006 li ġie modifikat bosta drabi fl-2010 u l-2011 f'dak li jirrigwarda strumenti finanzjarji.

26

Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 din il-ħtieġa kienet derivata min-nota COCOF imsem mija. Tmur lil hinn mill-kompetenza ta' Awtoritajiet ta' Ġestjoni u hija l-kompetenza tal-manijer ta' fond f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 dawn il-ħtiġijiet hemm proviżjoni ċara dwarhom fl-Artikolu 37(2) tas-CPR li jippreskrivi l-obbligu ta' twettiq ta' valutazzjoni *ex ante*.

27

Ara tweġiba komuni għal §§ 21 u §22.

Fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, it-twettiq ta' valutazzjoni *ex ante* huwa prerekwiżit u r-regoli ta' pagament jipprevedu ċertifikazzjoni ta' pagament f'fażijiet. Dan se jikkontribwixxi għall-ottimizzazzjoni tad-daqs tal-istrumenti finanzjarji.

Kaxxa 3

Dwar Campania, kif identifikat mill-Qorti, id-daqs kbir ħafna kien dovut għas-sottoskrizzjoni żejda ta' oġġetti ta' assi wieħed għad-detriment tal-oħrajn li baqa ma ġiex sottoskrit. Is-sejħa għall-proposti sussegwenti ġiet modifikata sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni. Fl-aħħar ta' Mejju 2015, l-iżborż għall-mikroimpreditturi kien laħaq is-37,4 % tal-allokkazzjoni totali tal-fond.

33

Il-Kummissjoni tikkonsidra li għadu kmieni wisq biex jiġi evalwat il-portafoll li jinsab f'riskju minħabba li l-portafoll EPMF huwa reċenti u l-ewwel ċiklu ta' rimborżi għadu ma sarx.

Tweġiba komuni għal §35 u §36

L-ingranaġġ ma kienx rekwiżit legali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Madankollu ġie inkluż fil-qafas legali tal-perjodu 2014-2020¹.

Madankollu, anki mingħajr l-ingranaġġ addizzjonali ta' fondi privati, l-istrumenti finanzjarji ffinanzjati mill-FSE jistgħu jgħorru magħhom effett multiplikatur bis-saħħa tan-natura rivolventi tagħhom.

¹ Il-Premessa 34 u l-Artikolu 37(2)(c) u l-Artikolu 46(2)(h) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

37

Rigward l-ingranaġġ immirat, il-Kummissjoni tixtieq tenfasizza li l-fatt li uħud mit-tranżazzjonijiet ma jilħqux l-ingranaġġ mistenni mhijiex kwistjoni ta' prestazzjoni iżda realtà aċċettabbli tan-negożju għas-suq mikrofinanzjarju immatur u għall-faċilità li tipprova tilħaq mhux biss l-intermedjarji li għandhom l-aħjar prestazzjoni iżda wkoll dawk li huma stabbiliti ġodda kif ukoll dawk li jimmiraw gruppi vulnerabbli. Sabiex jintuża sal-massimu l-baġit disponibbli tal-UE, fil-ftehimiet ta' garanzija li ma jilħqux l-ingranaġġ immirat il-FEI jaġġusta skont dan l-ammonti ta' limiti massimi rispettivi u jutilizza mill-ġdid l-ammonti ta' limiti massimi rispettivi għal tranżazzjonijiet ġodda. Barra minn hekk, l-intermedjarji huma obbligati jħallsu tariffi ta' impenn jekk ma jissodisfawx il-volumi miftehma tal-portafoll.

Tweġiba komuni għall-§41 u §44

Il-monitoraġġ tal-FSE bħala tali jsir fil-livell tal-assi prijoritarju u mhux fil-livell ta' proġett. L-indikaturi tal-prestazzjoni u tar-riżultat ġew ifformolati fil-livell tal-assi prijoritarji f'konformità mal-oġġettivi tiegħu. It-titjib se jsir fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 billi l-indikaturi tal-prestazzjoni u tar-riżultat huma stabbiliti fil-livell tal-prijorità ta' investment, li jirrifletti l-għanijiet speċifiċi ta' dik il-prijorità ta' investment.

Fir-rigward tar-rappurtar dwar ir-rata ta' sopravvivenza, billi mhijiex rekwiżit tar-Regolament, ma tistax tiġi mistennija.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tikkonsidrax ir-rata ta' sopravvivenza fiha nnifisha bħala kriterju rilevanti għall-valutazzjoni tas-suċċess ta' strument mikrofinanzjarju. Pereżempju, jekk persuna mhux impjegata tipprova twaqqaf in-negożju tagħha u sussegwentement ma jirnexxilhiex, xorta waħda tkun akkwistat esperjenza professjonali u ħiliet ta' ġestjoni, u permezz ta' dan il-persuna tkun tista' ssib impjieg fi stadju aktar tard. Ir-riżultat tal-intervent għalhekk għandu jkun ikkunsidrat bħala pożittiv.

Ir-rata ta' sopravvivenza ta' mikroimprendituri appoġġati tista' titwettaq pereżempju bil-kejl tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tar-riċevitur aħħar xi żmien wara t-tmiem tal-azzjoni.

45

Skont ir-regoli EPMF, id-dejta dwar l-*istatus* ta' impjieg preċedenti nġabret għal persuni fiżiċi iżda mhux għal mikrointrapriżi. Din il-kwistjoni ttieħdet inkonsiderazzjoni fit-tfassil tal-istrumenti finanzjarji tal-EaSI.

Tweġiba komuni għall-§52 sa §54

Il-Kummissjoni tinnotta li l-istrumenti mikrofinanzjarji awditjati huma għodod biex jintlaħq l-għanijiet rispettivi tal-partijiet tal-Programmi Operattivi tal-FSE u tal-EPMF, taħt liema huma implimentati, li jistgħu jmorru lil hinn mill-integrazzjoni ta' persuni mhux impjegati.

Skont id-Deċiżjoni EPMF il-gruppi ta' mira huma definiti kemm bħala individwi, b'mod partikolari minn gruppi vulnerabbli, kif ukoll bħala mikrointrapriżi.

Permezz ta' ħidma ma' istituzzjonijiet mikrofinanzjarji mhux bankarji kull meta jeżistu fis-suq rispettiv, wieħed jiżgura l-ħiq estensiv għal min jissellef fuq skala mikro li jinsabu f'pożizzjoni żvantaġġata fil-konfront ta' suq ta' kreditu konvenzjonali. Il-mudell ta' negożju tal-istituzzjonijiet mikrofinanzjarji mhux bankarji huwa bbażat fuq is-sitwazzjoni eżistenti fejn persuni vulnerabbli huma f'pożizzjoni żvantaġġata fir-rigward ta' aċċess għas-suq tal-kreditu konvenzjonali minħabba li huma perċepiti bħala iktar ta' kost u / jew riskjużi mill-banek tradizzjonali.

58

Il-Kummissjoni tikkonsidra li jkun sproporzjonatament oneruż li tiġi pprovduta din l-informazzjoni meta mqabbla mar-riżultati mistennija. B'mod partikolari, dan jeħtieġ l-iżolament tal-ispejjeż ta' ġestjoni għal għotja jew strument finanzjarju mill-awtorità ta' ġestjoni. Barra minn hekk, il-paragun ta' kostijiet u tariffi bejn l-għotjiet u strumenti finanzjarji tal-FSE ikun diffiċli (pereż. l-kostijiet għall-istrumenti finanzjarji tal-FSE jinkludu t-tariffi bankarji iżda mhux l-ispejjeż għall-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Korpi Intermedji).

59

Il-kostijiet għall-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' mikrokreditu huma b'definizzjoni ogħla minn self normali minħabba l-popolazzjoni speċifika fil-mira, l-ammont żgħir u n-numru għoli ta' self mogħtija mill-istituzzjonijiet mikrofinanzjarji.

62

B'ġestjoni kondiviża u f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali li jiżguraw li l-operazzjonijiet individwali huma implimentati skont id-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

Sa mill-2011, hemm obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu dejta fir-rapport ta' implimentazzjoni annwali dwar il-kost u t-tariffi ta' ġestjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji.

Dawn id-dejta huma disponibbli għall-istituzzjonijiet u l-pubbliku fis-"Sommarju ta' dejta dwar il-progress li sar fil-finanzjament u l-implimentazzjoni ta' strument ta' inġinerija finanzjarja rrapportati mill-awtoritajiet ta' ġestjoni" li huwa ppubblikat kull sena f'Diċembru.

Ta' min jenfasizza li l-ġestjoni ta' fond huwa identifikat permezz ta' proċedura ta' akkwist pubblika filwaqt li l-livell tal-kostijiet u t-tariffi ta' ġestjoni huma stabbiliti mis-suq.

Fl-rigward tal-kalkolu tal-kostijiet, kif kien il-każ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, il-qafas legali 2014-2020 jinkludi limitu massimu ta' kostijiet u tariffi ta' ġestjoni. B'żieda ma' dan, komponent ta' prestazzjoni issa huwa element obligatorju ta' dawn it-tariffi².

Il-Kummissjoni stabbiliet fir-Regolament ta' Delega Nru 480/2014 il-kriterji għad-determinazzjoni tal-kostijiet u t-tariffi għal strumenti finanzjarji abbażi tal-prestazzjoni u stabbiliet il-livelli limiti għall-kostijiet u tariffi ta' ġestjoni abbażi tal-prattiċi tajba tas-suq.

² Ara l-Artikolu 42 (5) tar-Regolament (UE) 1303/2013.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Tweġiba komuni għall-§64 u §65

Il-Kummissjoni tikkonsidra li jkun sproporzjonata oneruż li tinġabar din l-informazzjoni. Barra minn hekk, il-paragun ta' kostijiet u tariffi bejn l-għotjiet u l-istrumenti finanzjarji FSE u bejn l-Istati Membri jkun diffiċli.

B'żieda ma' dan, il-kost amministrattiv bħala tali ma għandux ikun il-motivatur ewlieni biex jintgħażel il-mekkaniżmu l-aktar adattat.

67

Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 21, 22 u 27.

68

L-EPMF ilu għaddej bħala inizzjattiva pilota sa mill-2010. Riżorsi baġitarji ulterjuri ġew allokati għall-programm suċċessur taħt EaSI.

Ir-Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 il-qafas regolatorju se jiżgura li kull instrument finanzjarju huwa "bbażat fuq valutazzjoni *ex ante*" li jkun identifika nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet subottimali ta' investiment, u ħtiġijiet ta' investiment. Il-ħtiġijiet ta' valutazzjoni *ex ante* huma previsti wkoll għat-tkomplija tal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti.

Fl-approvazzjoni tal-programmi operattivi, il-Kummissjoni żgurat l-allinjament mal-prijoritajiet strateġiċi, l-identifikazzjoni / twettiq tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* u l-evalwazzjoni tar-raġunijiet għall-appoġġ propost.

Il-Kummissjoni tieġu l-impenn ukoll li tagħti pariri dwar il-valutazzjoni *ex ante* u tipprovdi gwida dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji.

Diġà pprovdiet gwida u metodoloġija Prattika dwar it-tnejn tal-valutazzjoni obbligatorja *ex ante* għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid.

Ir-Rakkomandazzjoni 2

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni li hija diġà indirizzata fil-qafas regolatorju FSE l-ġdid li jeħtieġ valutazzjonijiet *ex ante* għal strumenti finanzjarji.

69

L-EPMF jidher li ma jsofrax minn informazzjoni ta' monitoraġġ u prestazzjoni insuffiċjenti u inaffidabbli.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni tinnota li apparti mir-rata ta' sopravvivenza, indikaturi speċifiċi FSE bħan-numru ta' mikrointrapriża appoġġati u l-*istatus* ta' impjeg ta' parteċipanti meta jidħlu u meta jtilqu wkoll jgħinu fil-kejl tal-effettività tal-appoġġ FSE lil mikroimprendituri.

Ir-Rakkomandazzjoni 3

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-qafas regolatorju l-ġdid se jippermetti l-identifikazzjoni tal-gruppi ta' mira l-aktar rilevanti ta' strument ta' mikrofinanza għal kull suq ikkonsidrat. Dan għandu jinkiseb permezz ta' valutazzjonijiet *ex ante*.

Tweġiba komuni għall-§71 u §72

Rigward l-istrumenti finanzjarji FSE, sa mill-2011 hemm obbligu għall-Istati Membri li jipprovdu dejta fir-rapport ta' implimentazzjoni annwali dwar il-kost u t-tariffi ta' ġestjoni relatati mal-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji.

Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, il-Kummissjoni stabbiliet fir-Regolament ta' Delega Nru 480/2014 il-kriterji għad-determinazzjoni tal-kostijiet u t-tariffi għal strumenti finanzjarji abbażi tal-prestazzjoni u stabbiliet il-livelli limiti għall-kostijiet u tariffi ta' ġestjoni abbażi tal-prattiċi tajba tas-suq.

Ir-Rakkomandazzjoni 4

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni.

Minn naħa waħda, il-Kummissjoni tikkonsidra li l-analiżi teħtieġ l-iżolament tal-ispejjeż ta' ġestjoni għal għotja jew strument finanzjarju mill-awtorità ta' ġestjoni. Barra minn hekk, il-paragun ta' kostijiet u tariffi bejn l-għotjiet tal-FSE u strumenti finanzjarji u bejn l-FSE u l-istrumenti finanzjarji tal-EPMF ikun diffiċli (eż l-kostijiet għall-istrumenti finanzjarji tal-FSE jinkludu t-tariffi bankarji iżda mhux l-ispejjeż għall-Awtorità ta' Ġestjoni u l-Korpi Intermedji); b'żieda ma' dan l-istruttura tal-kost tal-istrumenti finanzjarji tal-EPMF hija differenti minn dik tal-FSE billi l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni ma jintervjenux.

Min-naħa l-oħra, l-analiżi tista' ma tilħaqx l-iskop li tattira Prattiċi tajba għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid billi l-qafas regolatorju l-ġdid jipprovdi regoli ġodda dwar kostijiet u tariffi ta' ġestjoni li huma bbażati fuq il-prestazzjoni u li jinkludu livelli limiti (ara r-Regolament ta' Delega 480/2014).

KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- kopja waħda:
permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Mikroimpredituri madwar l-UE qed jesperjenzaw diffikultajiet biex jaċċessaw is-suq tal-kreditu konvenzjonali. Bil-ħsieb li ttejjeb din is-sitwazzjoni, l-UE tipprovdi appoġġ finanzjarju permezz ta' għotjiet u strumenti finanzjarji.

B'dan ir-rapport, il-Qorti vvalutat jekk il-programmazzjoni u t-tfassil tal-appoġġ finanzjarju mill-UE kienx qed jindirizza l-ħtiġijiet reali tal-mikroimpredituri u jekk kienx hemm stabbiliti sistemi robusti ta' rappurtar tal-prestazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti eżaminat jekk hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-ispejjeż ta' implimentazzjoni tal-mekkaniżmi differenti ta' finanzjament mill-UE li jappoġġaw lil mikroimpredituri.



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet